



Ġestjoni aħjar tal-foresti u tal-art mill-UE biex tgħin fit-naqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jintlaħqu l-impenji ta' Pariġi



Fit-13 ta' Ottubru, il-Kunsill Ambjent qabel dwar il-**pożizzjoni ta' negozjar** tiegħu (approċċ ġenerali) dwar regolament li jistabbilixxi regoli ta' kontabbiltà u impenji vinkolanti ġodda għall-istati membri sabiex jiġi żgurat li l-użu tal-artijiet u tal-foresti madwar l-UE jsir aktar sostenibbli u ma jagħmilx ħsara lill-klima fuq il-perijodu 2021-2030. Dan ser jiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jitnaqqsu u l-klima tiġi mħarsa aħjar.

Is-settur tal-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) ikopri l-użu tal-ħamrija, is-siġar, il-bijomassa u l-injam u għandu l-karatteristika partikolari li jarmi l-gassijiet serra jista' wkoll jassorbi s-CO₂ mill-atmosfera.

Dan ir-regolament ser jiżgura li l-emissjonijiet u l-assorbimenti kollha ġġenerati mis-settur tal-LULUCF jitqiesu fil-mira ġenerali tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet b'**mill-anqas 40% sal-2030**, kif maqbul fil-qafas ta' **politika għall-klima u l-enerġija għall-2030** u skont l-impenji meħud fil-**Ftehim ta' Pariġi**.

Is-settur LULUCF, flimkien ma' setturi oħra mhux koperti mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, ser ikollu jikkontribwixxi biex tintlaħaq dik il-mira billi **jnaqqas l-emissjonijiet bi 30% sal-2030** meta mqabbel mal-livelli tal-2005.

B'dan l-approċċ ġenerali, il-Kunsill huwa lest li jibda **negozjati mal-Parlament Ewropew** biex jasal għal qbil dwar test finali.

Il-foresti u l-artijiet tagħna għandhom potenzjal enormi li jtaffu l-effetti tat-tibdil fil-klima. Ejjewnużawhom b'mod intelliġenti u li ma jagħmilx ħsara lill-klima. Dan ir-regolament ser jippermetti ħarsien aħjar tal-foresti tagħna u jtejjeb il-ġestjoni tar-riżorsi ekoloġiċi tagħna. Dan huwa kruċjali għall-pjaneta tagħna u ser iqaribna lejn l-impenji tagħna tal-ftehim ta' Pariġi dwar il-klima. Ninsabu lesti biex nibdew taħditiet mal-Parlament.

Siim Kiisler, Ministru għall-Ambjent tar-Repubblika tal-Estonja

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tappoġġa ż-żewġ aspetti ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni: ir-**regoli ta' kontabbiltà** aġġornati sabiex jiġi żgurat li jitqiesu l-emissjonijiet u l-assorbimenti kollha għal dan il-perijodu, u l-**impenn** stabbilit mill-istati membri li l-emissjonijiet ma jaqbx l-assorbimenti (ir-**"regola ebda debitu"**).

Il-Kunsill, b'għall-Kummissjoni, iqis li huwa importanti li jiġi żgurat li kull pajjiż tal-UE jżomm bilanċ bejn l-emissjonijiet totali tiegħu minn dan is-settur u l-ammont ta' assorbiment ġġenerat ta' CO₂, pereżempju, permezz ta' tħawwil ġdid ta' foresti nazzjonali, raba' jew bwar, jew permezz ta' titjib fis-sorveljanza tagħhom. Fl-approċċ ġenerali tiegħu, il-Kunsill inkluda wkoll il-**flessibbiltajiet** proposti biex jgħinu l-Istati Membri jikkonformaw ma' din ir-regola.

Madankollu, il-Kunsill irid li l-**livelli ta' referenza għall-foresti** nazzjonali jiġu determinati abbażi tal-perijodu ta' referenza storiku ta' bejn l-2000 u l-2009, u mhux il-perijodu ta' bejn l-1990 u l-2009 issuġġerit fil-bidu mill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-Kunsill qabel li jintroduċi **flessibbiltà tal-art forestali ġestita** fil-forma ta' **mekkaniżmu ta' kumpens** sa

massimu ta' 360 miljun tonnallata ta' CO₂ ekwivalenti fuq 10 snin, li jikkorrispondu għall-bir b'assorbiment medju annwali għall-perijodu bejn l-2000 u l-2009. L-għan ewlieni huwa li jiġu assistiti dawk l-istati membri li x'aktarx isibuha diffiċli biex jikkonformaw mar-"regola ebda debitu", minkejja li jkunu għamlu sforzi bikrin biex iżommu jew isaħħu l-bjar tal-foresti tagħhom.

L-istati membri kollha jistgħu jibbenefikaw minn dan il-mekkaniżmu matul il-**perijodu bejn l-2021 u l-2030**. Madankollu, **japplikaw ċerti kondizzjonijiet** stretti. Pereżempju, ir-"regola ebda debitu" għandha tiġi ssodisfata għall-UE fl-intier tagħha qabel ma jkun jista' jintuża l-mekkaniżmu. B'hekk, l-ambizzjoni tal-politika tal-klima tal-UE tinżamm kompletament.

Il-pajjiżi tal-UE jistgħu jirċievu kumpens bil-kondizzjoni li l-foresti nazzjonali tagħhom għadhom jiġġeneraw bir u li huwa sa **ammont prestabbilit** ikkalkolat għal kull stat membru abbażi tal-bir medju tagħhom fuq il-perijodu bejn l-2000 u l-2009. Din il-kondizzjoni tiżgura l-**integrità ambjentali** tal-mekkaniżmu.

Il-Kunsill indirizza ċ-ċirkostanzi partikolari tal-Finlandja bl-allokazzjoni ta' kumpens addizzjonali ta' 10 miljun tonnallata ta' CO₂ ekwivalenti għall-perijodu 2021-2030.

Il-kronoloġija u l-passi li jmiss

Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 billi stipula linji gwida ċari għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-UE. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposti għal żewġ regolamenti dwar is-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS: LULUCF u l-kondiviżjoni tal-isforzi.

Id-diskussjonijiet dwar is-setturi li mhumx ETS evolwew b'mod parallel fil-Kunsill, minħabba d-diversi rabtiet bejn iż-żewġ proposti. Kien hemm dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Ambjent tas-17 ta' Ottubru 2016 u l-ministri għall-ambjent tal-UE ġew aġġornati dwar is-sitwazzjoni attwali fid-19 ta' Diċembru 2016. F'Ġunju 2017, il-Kunsill Ambjent iddiskuta l-progress li sar sa dakinhar dwar dawn il-fajls.

Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-LULUCF f'sessjoni plenarja nhar it-13 ta' Settembru 2017.

Bl-adozzjoni tal-lum ta' dan l-approċċ ġenerali, jistgħu jibdedu in-negozjati mal-Parlament Ewropew.

- [Approċċ ġenerali rigward ir-regolament dwar użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija \(LULUCF\)](#)
- [Proposta tal-Kummissjoni dwar LULUCF - dokument oriġinali](#)
- [Deċiżjoni attwali dwar ir-regoli tal-kontabbiltà għal-LULUCF](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press